**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Mejju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Herbert George Mamo, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 595249M**

*Kumpilazzjoni Nru. 1268/2012*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Herbert George Mamo u ċioè talli:

> F'dawn il-gżejjer, bejn Frar 2003 u Diċembru 2011, u b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u ċioe' ħa jew żamm għandu ammont ta' flus li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' ħutu Victor Mamo, Mario Mamo, Mary Lucy Mamo u Joseph Mamo, liema

flus kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn l-2003 u l-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-21 ta' Novembru, 2017.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat, l-ammissjoni tieghu li zgur ma jistax jinghad li kienet xi wahda bikrija, tal-fedina penali netta tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tal-fatt li dan hu kaz li jirrisali ghas-snin tal-2003 sal-2011.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18,23, 31, 293, 294, 310(1)(a)[1] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti giet prekluza milli tordna hlas ta' restituzzjoni jew kumpens tenut kont tal-fatt li minkejja l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza kif migjuba, l-ammont effettivament approprijat minnu ma setghax jigi determinat sal-grad rikjest mill-ligi.[2]

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[1] Fi zmien li sehh ir-reat il-piena taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali kienet dik ta' priguneria minn tlettax il-xahar sa sebgha snin.

[2] Vide xhieda tal-ispettur investigattiv (a. fol.12-13) meta jixhed li s-somma tar-*res furtiva* kienet ta' circa €9,694 li minnhom thallsu €2,100 ghall-funeral ta' omm Mamo (fejn originarjament l-imputat gibed €2,500 biex b'hekk zamm €400 ghalih -ricevuta a fol.59) u fejn jigi spjegat li fl-istqarrija l-imputat sahaq li apparti ghal <u>€2,000</u> li ntuzaw biex jixtri vettura, l-flus kien uzahom biex jirranga d-dar, li skond Joseph Mamo, l-imputat kellu l-uzufrutt taghha izda kienet intirtet mill-ahwa (a fol.93). Filwaqt li Victor Mamo (fol.80) jsostni li l-ammont kien ilahhaq €34,000, Joseph Mamo jnissel dubbju dwar l-ammont attwalment approprijat indebitament mill-imputat (vide xhieda tieghu a. fol.92).